VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,025, 13 ta' Lulju, 2018
Taqsima B

A.L. 226 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Psychology taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Psychology, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Psychology, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 470 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 4 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju, 2018 'il quddiem.

(2) L-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

(3) L-ordinament 6 ta' dawn l-ordinamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Psychology – H. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

VERŻJONI ELETTRONIKA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Psychology – H. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Higher Diploma – H. Dip." tfisser il-Higher Diploma in Psychology – H. Dip.; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Higher Diploma in Psychology – H. Dip."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom waħda minn dawn il-kwalifiki miksuba minn din jew minn università oħra:

(a) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija miksub tal-anqas f'Kategorija II; jew

(b) grad ta' Bachelor bil-Psikoloġija bħala qasam ewlieni ta' studju miksub tal-anqas f'Kategorija II, sakemm li mill-anqas 70 krettu ECTS fil-Psikoloġija jinkludu dawk it-taqsimiet studju indikati fil-programmi ta' studju bħala obbligatorji għad-dħul fil-Kors."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sena ta' studju *full-time* jew sentejn ta' studju *part-time*."